MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Numru 216/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Matthew Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Matthew Pace** ta' 17-il sena, bin Gioacchino u Rita *nee'* Gatt, imwieled Valletta fil-5 t'April, 1988, residenti Trafalgar Flats, Flat No. 4, Triq Gilju, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 175288M;

Talli bil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Jannar, 2006, flimkien ma persuna ohra kkommettejt serq ta' vettura ta' l-ghamla Austin Mini bin-numru tar-registrazzjoni BAE 776, liema serq huwa kkwalfikat bil-hin, mezz, xorta tal-haga misruqa

u bil-valur li ma jaccediex l-elf lira, sar ghad-dannu ta' Maria Theuma mill-Marsa;
Talli fil-31 ta' Jannar, 2006, fil-jiem ta'qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg, u cioe' l-vettura msemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat sew jekk dan f'sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indhalt biex tbieghha jew tmexxiha;

Talli fil-31 ta' Jannar, 2006, u fil-jiem ta' qabel volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe l-vettura Austin Mini bin-numru tar-registrazzjoni BAE 776, liema hsara tiskorri l-Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu ta' Maria Theuma mill-Marsa;

Talli fil-31 ta' Jannar, 2006 u fil-jiem ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer sabiex tikseb vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, b'x dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz jew wahhilt sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru Kar 778 fuq vettura tal-marka Austin Mini bin-numru originali BAE 776, ai termini tal-Kapitlu 188 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat billi wahhalt in-numru tar-registrazzjoni KAR 778 li jappartjeni vettura ohra tal-ghamla Fiat Uno, fuq vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numri originali BAE 776 ai termini tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tas-6 ta' Marzu, 2006, sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Fuq ammissjoni ssibu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u r-raba akkuza

peress li huma alternattivi ghall-akkuzi li jippreceduhom/ Ma ssibux hati tal-hames akkuza stante li ma tammontax ghall-falsifikazzjoni skond l-art 189 tal-Kap 9 izda taht l-AL128/94.

Rat l-artikoli 188 u 334 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Wara li staqsiet lill-imputat jekk kienx dispost li joqghod tahht kundizzjoni jekk ikun liberat, u huwa wiegeb fl-affermattiv.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------